KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 27.4.2006
KUMM(2006) 180 finali

2006/0061 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ

(preżentati mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-proposta attwali qiegħda fl-isfond doppju ta' l-aġenda ta' l-edukazzjoni għolja ta' l-Unjoni Ewropea u r-relazzjonijet UE/Stati Uniti li jsejħu, rispettivament, biex l-edukazzjoni għolja ssir punt ta' referenza dinjija għar-rilevanza u l-eċċellenza u għal kooperazzjoni edukattiva aktar wiesgħa.

L-edukazzjoni saret parti essenzjali mill-Istrateġija ta' Liżbona li ssejjaħ għall-edukazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea biex issir referenza dinjija sa l-2010. Dan l-għan jista' jinkiseb biss billi l-edukazzjoni Ewropea tibqa' sintonizzata fuq l-iżviluppi fid-dinja u b'mod partikulari billi tikkollabora u tittestja strateġiji u standards bi tqabbil mal-pajjiżi l-aktar żviluppati fid-dinja bħall-Istati Uniti ta' l-Amerika (minn hawn 'il quddiem 'l-'Istati Uniti').

Ir-relazzjonijiet ma' l-Istati Uniti huma ta' importanza strateġika għall-UE u l-firxa ta' applikazzjoni tagħhom qed titwessa' b'mod kostanti. Il-mexxejja tas-*Summit* ta' Dromoland bejn l-UE-Stati Uniti ta' l-2004 qablu li jfittxu mezzi ta' kooperazzjoni u l-aħjar prattiki biex jissaħħu t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tax-xogħol u l-innovazzjoni. Fit-18 ta' Mejju 2005, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar assoċjazzjoni UE-Stati Uniti[1] aktar b'saħħitha li, konformi ma' l-istrateġija ta' Liżbona, identifikat il-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala għodda importanti biex jiġi stimolat l-għerf u d-dinamiżmu innovattiv u sejħet għal tiġdid u tisħiħ tal-ftehim attwali dwar l-Edukazzjoni Għolja u t-Taħriġ Vokazzjonali. Fl-20 ta' Ġunju 2005 il-Mexxejja tas-*Summit* ta' Washington bejn l-UE-Stati Uniti qablu dwar inizjattiva biex tissaħħaħ l-integrazzjoni ekonomika transatlantika u t-tkabbir, din identifikat fil-kooperazzjoni ta' l-edukazzjoni waħda mill-għodod "biex jiżdiedu s-sinerġiji minn naħa għall-oħra ta' l-Atlantiku hekk kif l-ekonomiji tagħna jsiru dejjem aktar ibbażati fuq it-tagħrif" u aktar impenjati biex jaħdmu ħalli "jġeddu u jsaħħu l-ftehim Stati Uniti-UE dwar l-Edukazzjoni Għolja u t-Taħriġ Vokazzjonali, li jinkludi l-programm Fulbright/Unjoni Ewropea, biex jingħata impetu għall-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u skambji transatlantiċi bejn iċ-ċittadini tagħna".

Il-ftehim attwali ġie ffinalizzat fis-sena 2000 u ġedded il-programm KE/Stati Uniti għal ħames snin oħra li jiskadu fl-2005. Saret evalwazzjoni esterna minn Ottubru 2004 sa Marzu 2005. L-evalwazzjoni indipendenti kkonkludiet li l-programm huwa għodda b'saħħitha biex jiġu stabbiliti assoċjazzjonijiet u sinerġiji fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali minn naħa għall-oħra ta' l-Atlantiku u li dan kien ta' kontribut biex jitjieb il-ftehim reċiproku u l-kwalità ta' l-iżvilupp tar-riżorsi umani. Fis-27 ta' Ġunju 2005 il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni fuq ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni[2].

B'konformità mad-direttivi ta' negozjar fl-Anness tat-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-24 ta' Ottubru 2005 li jawtorizzaw lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati għal ftehim ġdid ma' l-Istati Uniti[3], il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ġdid ma' l-Istati Uniti.

---

1 COM(2005) 196.

2 COM(2005) 274.

3 Il-punt 6 fil-lista tal-punti "A" f'***13437/05*** adottata fl-2685 laqgħa tal-Kunsill (Agrikultura/Sajd), it-Tnejn 24 u t-Tlieta 25 ta' Ottubru 2005.

Il-Kunsill hu mitlub japprova d-deċiżjonijiet dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-ftehim li jġedded mill-ġdid il-programm ta' ko-operazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali għall-perjodu 2006-2013.

2. L-OBBJETTIVI TAL-PROPOSTA

2.1. Obbjettiv ġenerali

L-obbjettivi ġenerali tal-programm UE/Stati Uniti huma:

(1) Il-promozzjoni ta' ftehim reċiproku bejn il-popli tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti inklużi għarfien aktar wiesa' tal-lingwi, il-kulturi u l-istituzzjonijiet tagħhom; kif ukoll,

(2) It-titjib fil-kwalità ta' l-iżvilupp tar-riżorsi umani kemm fil-Komunità Ewropea kif ukoll fl-Istati Uniti, inkluż l-akkwist ta' abbiltajiet meħtieġa biex tkun iffaċċjata l-isfida ta' l-ekonomija bbażata fuq it-tagħrif.

Il-programm UE/Stati Uniti se jfittex għalhekk li jsaħħaħ reċiprokament il-kwalità ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali.

2.2. Obbjettivi speċifiċi

L-obbjettivi speċifiċi tal-programm UE/Stati Uniti huma:

(1) t-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti fl-oqsma ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali

(2) Il-kontribut għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali

(3) Il-kontribut għall-iżvilupp personali individwali tal-parteċipanti stess u bħala mezz biex jinkisbu l-obbjettivi ġenerali tal-Programm; kif ukoll,

(4) Il-kontribut għall-isfidi transatlantiċi bejn l-UE u ċ-ċittadini ta' l-Istati Uniti.

2.3. Obbjettivi operattivi

L-obbjettivi operattivi tal-programm UE/Stati Uniti huma:

(1) L-appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn edukazzjoni għolja u istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali bil-ħsieb li jmexxu 'l quddiem programmi konġunti ta' studju u mobbiltà

(2) It-titjib fil-kwalità tal-mobbiltà transatlantika ta' l-istudenti billi jkunu promossi t-trasparenza, l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki u l-perjodi ta' studju u taħriġ, u, fejn adatt, it-trasferiment tal-krediti

(3) L-appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet pubbliċi u privati attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u taħriġ vokazzjonali bil-ħsieb li jiġu mħeġġa diskussjonijiet u skambju ta' esperjenza fuq kwestjonijiet politiċi; kif ukoll,

(4) L-appoġġ għall-mobbiltà transatlantika bl-għan li jittejjeb il-ftehim reċiproku ta' kwestjonijiet rilevanti għar-relazzjonijiet UE/Stati Uniti.

3. KONSISTENZA MA' POLITIKI OĦRA

Il-programm UE/Stati Uniti fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali jista' jkun totalment konsistenti u komplementari ma' dawk ta' strumenti oħra ta' l-UE f'dawn l-oqsma, u b'hekk jipprovdi l-possibbiltà li jintlaħqu l-obbjettivi ta' edukazzjoni ta' kwalità permezz ta' kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti. Apparti dan, il-programm idaħħal kooperazzjoni transatlantika minn poplu għal poplu li hija nieqsa fi programmi ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali oħrajn ta' l-UE.

Il-programm jikkomplementa wkoll l-attivitajiet tan-netwerk taċ-Ċentri ta' Eċċellenza ta' l-UE fl-universitajiet ta' l-Istati Uniti billi joffri possibbiltajiet addizzjonali għall-iskambji u jħeġġeġ il-kooperazzjoni strutturali bejn l-istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet fuq iż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku.

B'hekk, il-programm se jikkontribwixxi wkoll għall-isforz diplomatiku pubbliku tal-Kummissjoni fl-Istati Uniti, inkluži l-attivitajiet diplomatiċi pubbliċi tad-Delegazzjonijiet tal-Kummissjoni f'Washington u New York, b'konformità ma' l-impenn miżjud fl-attivitajiet diplomatiċi pubbliċi b'mod partikulari fir-rigward tal-partners strateġiċi prinċipali ta' l-UE.

4. KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI

– Studju ta' l-2001 dwar il-modalitajiet għall-kooperazzjoni fl-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ vokazzjonali

L-istudju mqabbad mill-Kummissjoni kkonferma l-valur tal-kooperazzjoni KE/Stati Uniti fl-edukazzjoni vokazzjonali u fit-taħriġ. L-istituzzjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali mhumiex neċessarjament ippreparati biżżejjed għal kooperazzjoni transatlantika, iżda madankollu hemm potenzjal kbir għal arrikkiment komuni permezz ta' din it-tip ta' kollaborazzjoni li toffri opportunitajiet ġodda għal mobbiltà transatlantika lill-istudenti, l-imħarrġa u l-istaff li ma jkollhomx aċċess għalihom mod ieħor. L-istudju nnota li meħtieġa żieda sinifikanti fil-baġit biex din il-fergħa ta' taħriġ vokazzjonali tkun tista' teżisti flimkien ma' edukazzjoni għolja.

– Evalwazzjoni esterna temporanja

Evalwazzjoni esterna ġiet iffinalizzata fil-bidu ta' l-2005. L-evalwazzjoni kkonfermat l-effettività u r-rilevanza tal-programm u li l-programm huwa ta' benefiċċju għall-istituzzjonijiet, il-fakultajiet u l-istudenti involuti. Il-programm, madankollu, huwa kkunsidrat limitat wisq biex ikollu impatt fuq il-ftehim reċiproku bejn il-popli ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Filwaqt li l-proġetti huma sostenibbli fil-biċċa l-kbira tagħhom, mhux l-attivitajiet kollha jitkomplew bl-istess mod. L-evalwaturi jissuġġerixxu b'mod partikulari l-introduzzjoni ta' sistema ta' għotjiet għal mobbiltà addizzjonali għall-proġetti li jirnexxu. Fis-27 ta' Ġunju 2005 il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni fuq ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni[4].

[4] COM(2005) 274.

-Is-seminar ta' Washington ta' l-2004 dwar il-futur tal-kooperazzjoni UE/Stati Uniti.

Id-diskussjoni ma' esperti u rappreżentanti governattivi prominenti ta' l-Istati Uniti u l-UE ġiet organizzata flimkien mad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni ta' l-Istati Uniti (FISPE) f'Washington fis-27 ta' Novembru 2004. L-esperti kkonkludew li l-programm UE-Stati Uniti kien estremament importanti għall-istituzzjonijiet, fakultà u studenti involuti u kien strateġikament importanti għar-relazzjonijiet bejn il-popli ta' l-UE-Stati Uniti. Huma enfasizzaw li l-programm ippermetta l-iżvilupp ta' assoċjazzjonijiet multilaterali transatlantiċi b'impatt pożittiv fuq il-fakultà u l-istudenti li jipparteċipaw fl-iskambju. B'mod partikulari, dawn ta' l-aħħar, setgħu jżidu drammatikament l-għerf interkulturali, l-adattabilità u t-titjib tal-prestazzjoni akkademika tagħhom u jsaħħu l-possibbiltajiet tagħhom li jsibu xogħol ta' kwalità fis-suq internazzjonali. Ġie enfasizzat ukoll li għandu jsir aktar biex jiġi żgurat li l-programm ikollu impatt aktar wiesa' u fit-tul. L-esperti sejħu għal programm fuq skala akbar u għal miżuri li jgħinu s-sostenibilità tal-proġetti individwali. Fl-aħħarnett tressqet il-proposta li l-programm għandu jimxi id f'id ma' miżuri u djalogu dwar politika fuq kwestjonijiet li jikkonċernaw is-sistemi

5. POSSIBILTAJIET EŻAMINATI

5.1. Avviċinamenti u strumenti: Djalogu dwar politika u l-koordinazzjoni

Djalogu dwar politika bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti jista' ċertament ikun ta' kontribut għal ftehim akbar fl-edukazzjoni u l-istrateġiji ta' taħriġ, joħloq l-iskambju ta' l-aħjar prattiki u finalment iwassal għal miżuri li jkollhom impatt dirett fuq iċ-ċittadini.

Madankollu, id-djalogu dwar politika waħdu jista' ma jwassalx għal kollaborazzjoni innovattiva li titlaq mill-għeruq 'il fuq u li timxi minn poplu għal poplu, jew għal tisħiħ ta' mobbiltà ta' kwalità għolja ta' żgħażagħ u aċċess aħjar għaż-żgħażagħ u organizzazzjonijiet li jesperjenzaw skambju transatlantiku. Programm ta' azzjonijiet speċifiċi huwa meħtieġ biex jinkoraġġixxi u jkun ta' appoġġ għal din l-attività.

5.2. Pjanijiet alternattivi possibbli għal programm ta' infiq

5.2.1. Integrazzjoni f'oqsma eżistenti jew proposti

Il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ eżistenti bħal "*Socrates*" jew "*Leonardo da Vinci*" huma ppjanati u mmirati esklussivament għall-pubbliku ta' l-Istati Membri. Il-proċess tat-teħid tad-deċiżjoni, it-tipoloġija ta' l-azzjonijiet u l-mekkaniżmi ta' implimentazzjoni mhumiex adatti biżżejjed għal kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE/Stati Uniti fl-oqsma ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali. L-istess japplika għall-programm futur ta' tagħlim li jissokta matul il-ħajja.

"*Erasmus Mundus*" ifittex li jsaħħaħ il-kwalità ta' l-edukazzjoni għolja fl-Unjoni Ewropea u jmexxiha 'l quddiem fid-dinja permezz ta' skema ta' borż ta' studju għal studenti u studjużi minn pajjiżi terzi. Erasmus Mundus huwa programm ta' edukazzjoni għolja li jimmira primarjament li jattira studenti fil-livell ta' Masters u li mhumiex membri fl-UE. Bħala tali dan il-programm ma ġiex ippjanat għal skambji bilaterali, żvilupp kurrikulari transatlantiku u kooperazzjoni istituzjonali. Il-programm ma jikkonċernax ruħu mit-taħriġ vokazzjonali u jiffoka fuq il-livell tal-gradwati filwaqt li l-programm ta' kooperazzjoni propost ma' l-Istati Uniti jiffoka primarjament fuq l-attivitajiet fil-livell ta' studji fl-ewwel grad.

Programmi esterni oħra wkoll mhux adattati biex jiksbu l-obbjettivi tal-kooperazzjoni bilaterali bejn l-UE/Stati Uniti.

5.2.2. Tiġdid mill-ġdid tal-Ftehim u t-tkomplija tal-programm fil-forma attwali

Il-ftehim propost u l-programm li dan għandu jistabbilixxi ma jirrappreżentax tluq radikali mill-istruttura attwali ta' kooperazzjoni u huwa konformi mal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' Mejju 2005[5] li sejħet għal tisħiħ tal-kooperazzjoni attwali li għandha sseħħ flimkien ma' l-impenn konġunt meħud fis-*Summit* UE-Stati Uniti f'Ġunju ta' l-2005 li jaħdem għal tiġdid u tisħiħ tal-ftehim ħalli jitkattru l-kooperazzjoni edukattiva u l-iskambji transatlantiċi bejn iċ-ċittadini ta' l-UE u l-Istati Uniti.

Il-programm iqis it-tagħlimiet meħuda mill-esperjenza ta' l-imgħoddi u mill-evalwazzjoni temporanja u indipendenti billi jagħmel distinzjoni bejn edukazzjoni għolja u taħriġ vokazzjonali, jippromwovi programmi konġunti ta' studju, u jibni fuq l-eċċellenza u t-tisħiħ ta' skambji ta' studenti, l-imħarrġa u l-istaff.

L-evalwazzjoni sabet li l-baġit limitat ta' dan il-programm illimita l-potenzjal ta' l-impatt tal-programm fuq l-edukazzjoni għolja u impedixxa l-iżvilupp tal-kooperazzjoni sinifikanti fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali. Il-programm li għandu jinħoloq mill-ftehim propost jinkludi żieda fil-baġit (minn 2M€ għal medja ta' 6.5 M€ fis-sena) biex iqis id-daqs tas-sistemi ta' taħriġ vokazzjonali u edukazzjoni għolja u l-potenzjal għall-kooperazzjoni ta' l-UE u l-Istati Uniti.

5.3. Analiżi ta' impatti pożittivi u negattivi ta' l-għażliet ikkunsidrati

Bis-suċċess ta' l-obbjettivi tiegħu, il-programm iħalli impatt pożittiv fuq iż-żgħażagħ fuq medda qasira u twila taż-żmien, kif ukoll fuq istituzzjonijiet u organizzazzjonijiet li jitrattaw l-edukazzjoni għolja u l-kwestjonijiet tat-taħriġ vokazzjonali. Mobbiltà transatlantika tagħti lill-parteċipanti esperjenza prezzjuża li tgħinhom jintegraw aħjar fis-soċjetà tal-lum u fl-ekonomija ta' tagħrif.

Kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet tgħinhom itejbu il-kurrikuli u l-metodi ta' tagħlim billi jitgħallmu minn xuxlin l-aħjar prattiki u billi jiżviluppaw flimkien avviċinamenti ġodda.

Fuq medda taż-żmien twila, il-kollaborazzjoni tgħin iżżomm livell tajjeb ta' komprensjoni bejn il-popli li jeżisti bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti.

Ma hemmx konflitti bejn l-impatti fuq livelli soċjali, ekonomiċi, u ambjentali.

5.4. Raġunijiet għall-għażla attwali

Hemm kunsens wiesa' li edukazzjoni għolja għandha tibqa' komponent ċentrali tal-programm. Fl-istess waqt, il-programm jagħti aċċess ukoll għal kooperazzjoni transatlantika għal edukazzjoni vokazzjonali u organizzazzjonijiet ta' taħriġ altrimenti dawn ma kinux se jimpenjaw ruħhom f'kooperazzjoni ta' din ix-xorta.

Fil-qafas ta' edukazzjoni li tissokta matul il-ħajja, u biex tissaħħaħ id-dimensjoni bejn il-popli tar-relazzjonijiet ta' l-UE/Stati Uniti, il-programm għandu jkun miftuħ ukoll għal żgħażagħ

[5] COM(2005) 196.

professjonali, prinċipalment barra l-akkademja u d-dinja ta' l-amministrazzjoni pubblika, li jridu jkomplu jistudjaw, jew jagħmlu aktar taħriġ, f'oqsma ta' rilevanza speċifika għar-relazzjoni ta' l-UE/Stati Uniti, li se jkunu identifikati b'konsultazzjoni ma' l-awtorijtajiet ta' l-Istati Uniti.

L-impatt tal-programm għandu jogħla bl-introduzzjoni ta' proġetti orjentati fuq il-politiki fl-oqsma ta' interess komuni għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Jiġifieri, proġetti b'impatt sistematiku li jistgħu jħallu impatt lilhinn mill-istituzzjonijiet/organizzazzjonijiet/individwi involuti direttament fl-implimentazzjoni tagħhom. Dawn il-proġetti se jkunu mmirati biex jiżdied it-tagħrif dwar l-aċċess għal tagħlim li jissokta matul il-ħajja għal kulħadd, u jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar kwestjonijiet bħalma huma l-kwalità u l-kompatibilità ta' l-edukazzjoni u s-sistemi ta' taħriġ, kif ukoll jiftħu s-sistemi edukattivi u ta' taħriġ għad-dinja.

6. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

6.1. Bażi legali:

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikoli 149, 150 u 300 tat-Trattat.

6.2. Is-sussidjarjetà u l-proporzjonalità

Il-programm ikun jikkomplementa l-iskemi ta' kooperazzjoni bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti billi jipproponi li jitkompla l-qafas multilaterali ta' kooperazzjoni. Jirrispetta bi sħiħ il-kompetenza ta' l-Istati Membri billi jħalli l-inizjattiva f'idejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet partikulari. It-tiġdid mill-ġdid propost tal-programm ma jikkontempla l-ebda avviċinament regolatorju konfliġġenti mal-kompetenza esklussiva ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam. Il-proporzjonalità hija assigurata.

7. DESKRIZZJONI TA' L-INTERVENT

Il-programm jimxi fuq l-obbjettivi tiegħu permezz ta' dawn l-azzjonijiet li ġejjin:

7.1. Azzjonijiet għall-edukazzjoni għolja u l-programm ta' taħriġ vokazzjonali:

7.1.1. Proġetti b'konsorzji

Il-pubbliku mmirat għal din l-azzjoni ser ikun l-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali, l-istaff, l-istudenti u l-imħarrġa tagħhom. L-azzjoni għandha twieġeb għal żewġ obbjettivi speċifiċi: billi tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' l-edukazzjoni għolja u l-organizzazzjonijiet u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali, u żżid il-mobbiltà ta' l-istaff, l-istudenti u l-imħarrġa.

Dan it-tip ta' proġetti għandu jkun ispirat b'mod wiesa' fuq it-tip ta' proġetti konġunti attwalment iffinanzjati u għandu jipprovdi appoġġ għall-gradi doppji jew konġunti stabbiliti u mmexxija minn konsorzji multilaterali ta' edukazzjoni għolja ta' l-UE u l-Istati Uniti, inklużi boroż ta' studju għall-istudenti, il-fakultà u l-istaff.

Proġetti b'konsorzji għandhom jiffokaw fuq l-oqsma prijoritarji identifikati bħala prinċipali għall-kooperazzjoni bejn l-UE/Stati Uniti b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti.

7.1.2. Proġetti ta' eċċellenza (immonitorjata) mobbli

Taħt din l-azzjoni, il-programm jista' jipprovdi appoġġ prinċipalment għall-mobbiltà ta' l-istudenti għall-proġetti b'konsorzji ta' l-edukazzjoni għolja u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali li juru rekord ta' eċċellenza, inklużi dawk iffinanzjati taħt il-Ftehimiet UE/Stati Uniti preċedenti. Din il-miżura għandha tgħolli l-profil tal-programm, u titfa' l-enfasi fuq l-eċċellenza. Din għandha żżid il-motivazzjoni tal-proġetti ffinanzjati li twassal u tikkontribwixxi għas-sostenibilità tal-proġetti ta' mobbiltà ta' kwalità tajba.

7.2. Miżuri orjentati fuq il-politiki

Il-pubbliku mmirat għal din l-azzjoni huwa organizzazzjonijiet li jittrattaw ma' l-edukazzjoni għolja u mat-taħriġ vokazzjonali. Din l-azzjoni għandha tkompli l-obbjettiv speċifiku li jgħolli l-kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali, billi tiffoka fuq temi prijoritarji. Fit-tul ta' żmien, din l-azzjoni għandha jkollha impatt fuq il-politika u l-iżvilupp tas-sistema.

L-attivitajiet li jaqgħu taħt din il-kategorija jistgħu jinkludu studji, konferenzi, seminars, gruppi ta' ħidma, eżerċizzji ta' *benchmarking*.

7.3. Għotijiet Individwali għall-mobbiltà "Schuman-Fulbright"

Il-grupp immirat għal din l-azzjoni għandu jikkonsisti fi professjonisti (inklużi professjonisti fit-taħriġ), prinċipalment minn barra d-dinja akkademika u l-amministrazzjoni pubblika (dawk li jiddeċiedu, rappreżentanti ta' l-imsieħba soċjali, ġurnalisti, eċċ.) li jixtiequ jistudjaw jew jitħarrġu, f'oqsma ta' rilevanza speċifika għar-relazzjonijiet ta' l-UE/Stati Uniti, li għandhom ikunu identifikati b'konsultazzjoni ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti.

7.4. Assoċjazzjoni ta' ex-studenti universitarji

Taħt din l-azzjoni l-programm jista' jipprovdi appoġġ lill-Assoċjazzjonijiet ta' ex-studenti universitarji li jinvolvu studenti li pparteċipaw fi skambji appoġġati mill-programm ta' kooperazzjoni tal-KE/Stati Uniti fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali.

8. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Il-programm propost għandu jiswa massimu ta' 46 M€ mifruxa fuq perjodu ta' tmien snin (2006-2013), bil-kundizzjoni li fondi ekwivalenti jkunu disponibbli mill-Istati Uniti.

8.1. Prinċipji ġustifikattivi għal żieda fil-baġit

Kif indikat taħt 5.2, il-baġit limitat tal-programm 2000-2005 llimita l-impatt potenzjali tiegħu fuq l-edukazzjoni għolja u impedixxa l-iżvilupp ta' kooperazzjoni sinifikanti fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali.

8.2. Ammonti ta' Kostjar-Referenzi għall-għanijiet ikkalkulati

8.2.1. Miżuri għal Edukazzjoni Għolja u Taħriġ Vokazzjonali

Fejn il-proġetti ma jinvolvux il-mobbiltà l-għotja medja għandha tkun ta' 120.000 €.

Proġetti konġunti b'konsorzji: 664,000 € għal proġetti ta' erba' snin li jirriżultaw mill-544,000 € għall-istudenti b'borża ta' studju (ikkalkulati abbażi ta' 1,000 € fix-xahar, u 2,000 € għall-ivvjaġġar u r-rilokazzjoni għal kull student għall-perjodi medji ta' studji ta' 15-il xahar għal total ta' 32 student), 60,000 € f'somom f'daqqa għal partner tal-konsorzji (7,500 € għal kull istituzzjoni fis-sena: 7500x2x4), u 60,000 € għall-għotjiet ta' mobbiltà għal fakultà u l-istaff (1,000 € għal kull ġimgħa ta' studju flimkien ma' 1,000 € għall-ivvjaġġar).

Proġetti b'konsorzji ta' Mobbiltà ta' Eċċellenza: se jkunu ffinanzjati fuq bażi simili bħala proġetti Konġunti b'konsorzji.

8.2.2. Miżuri oħra

Miżuri orjentati fuq il-politiki: 100,000 €

Għotijiet Individwali għall-mobbiltà "Schuman-Fulbright": 20.000 (3,000 € fix-xahar + 2.000 għall-ivvjaġġar għal kull persuna li jkollha għotja għal tul ta' żmien medju ta' 6 xhur)

Appoġġ lill-assoċjazzjoni ta' l-ex-studenti universitarji jista' jkun ikkalkulat għal 15,000 € fis-sena.

8.3. Kontribuzzjonijiet immirati

Il-programm se jappoġġa madwar 274 proġett mifruxa fuq perjodu ta' tmien snin (ara d-dettalji taħt il-punt 8 tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja). Madwar 6,000 persuna mill-UE u l-Istati Uniti se jipparteċipaw f'attivitajiet ta' mobbiltà mifruxa fuq it-tul ta' żmien tal-programm.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabilixxi l-Komunità Ewropea, u partikularment l-Artikoli 149 u 150, flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[6],

Billi:

(1) Bid-deċiżjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2005 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehim li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u fit-taħriġ vokazzjonali.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika b'konformità mad-direttivi fl-Anness għad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehim li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali.

(3) Il-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika jippretendu li jiksbu benfiċċju reċiproku minn kooperazzjoni ta' din ix-xorta, li għandha, min-naħa tal-Komunità, tikkomplementa l-programmi bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u tipprovdi valur miżjud Ewropew;

(4) Meħtieġ li jkun iffirmat il-Ftehim negozjat mill-Kummissjoni minħabba konklużjoni possibbli tiegħu f'data aktar tard.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

[6] ĠU C , , p. .

Artikolu Uniku

1. Suġġett għal konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, il-President tal-Kunsill qed ikun b'dan awtorizzat jinnomina l-persuna jew il-persuni bis-setgħa li t/jiffirma/w f'isem il-Komunità l-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u ta' taħriġ.

2. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

2006/0061 (CNS)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja, l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikoli 149 u 150 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300 (3) tagħhom,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[7],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi:

(1) Bid-deċiżjoni tiegħu ta' l-24 ta' Ottubru 2005 l-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tinnegozja ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehim li jġedded il-programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u fit-taħriġ vokazzjonali.

(2) F'isem il-Komunità, il-Kummissjoni nnegozjat ftehim ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika b'konformità mad-direttivi fl-Anness għad-deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Kummissjoni tinnegozja ma' l-Istati Uniti ta' l-Amerika ftehim li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali.

(3) Il-Komunità u l-Istati Uniti ta' l-Amerika jippretendu li jiksbu benfiċċju reċiproku minn kooperazzjoni ta' din ix-xorta, li għandha, min-naħa tal-Komunità, tikkomplementa l-programmi bilaterali bejn l-Istati Membri u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u tipprovdi valur miżjud Ewropew.

(4) Il-Ftehim kien iffirmat f'isem il-Komunità fi .....suġġett għal possibbiltà tal-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard, b'konformità mad-Deċiżjoni .../.../KE tal-Kunsill fi …….

(5) Il-Ftehim għandu jkun approvat,

---

[7] ĠU C , , p. .

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

3. Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fl-Edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ huwa hawnhekk approvat f'isem il-Komunità.

4. It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Id-delegazzjoni tal-Komunità Ewropea fil-Kumitat Konġunt indikata fl-Artikolu 6 tal-Ftehim għandha tikkonsisti f'rappreżentant mill-Kummissjoni assistit minn rappreżentant minn kull Stat Membru.

Artikolu 3

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat li jinnomina l-persuna li għandha s-setgħa tagħmel in-notifika prevista fl-Artikolu 12(1) tal-Ftehim.

Magħmul fi Brussell, [...]

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

FTEĦIM BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA LI JĠEDDED PROGRAMM TA' KOOPERAZZJONI FL-EDUKAZZJONI GĦOLJA U L-EDUKAZZJONI VOKAZZJONALI U T-TAĦRIĠ

IL-KOMUNITÀ EWROPEA,

minn naħa waħda, u

L-ISTATI UNITI TA' L-AMERIKA,

min-naħa l-oħra (minn hawn 'il quddiem indikati kollettivament bħala "Il-Partijiet"),

JINNOTAW li d-Dikjarazzjoni Transatlantika adottata mill-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha (minn hawn 'il quddiem indikati bħala "il-Komunità Ewropea") u l-Gvern ta' l-Istati Uniti ta' l-Amerika (minn hawn 'il quddiem indikati bħala "l-Istati Uniti") f'Novembru 1990 tagħmel referenza speċifika biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni reċiproka f'oqsma diversi li direttament jaffettwaw il-benesseri taċ-ċittadini tagħhom, bħalma huma skambji u proġetti konġunti fl-edukazzjoni u l-kultura, inklużi l-iskambji akkademiċi u taż-żgħażagħ.

JINNOTAW li l-Aġenda Transatlantika l-ġdida adottata fis-*Summit* ta' l-UE/Stati Uniti f'Diċembru 1995 f'Madrid tirreferi taħt Azzjoni IV – Bini ta' Briġġijiet Bejn l-Atlantiku – fil-Ftehim KE/Stati Uniti li jistabbilixxi Programm ta' Kooperazzjoni fit-Taħriġ Edukattiv u Vokazzjonali bħala katalizzatur potenzjali għal firxa wiesgħa ta' attivitajiet innovattivi ta' kooperazzjoni li huma ta' benefiċċju dirett għall-istudenti u l-għalliema u jirriferu għall-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġodda fil-klassi, billi jgħaqqdu stabbilimenti edukattivi fl-Istati Uniti ma' dawk fl-Unjoni Ewropea u jinkoraġġixxu t-tagħlim tal-lingwi, l-istorja u l-kultura ta' xulxin;

JINNOTAW li l-Konferenza Transatlantika "Briġġ fuq l-Atlantiku: Relazzjonijiet minn Poplu għal Poplu" ta' l-1997 enfasizzat il-kooperazzjoni potenzjali bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika fil-qasam edukattiv informali.

JINNOTAW li fis-*Summit* UE/Stati Uniti ta' Ġunju 2005, il-mexxejja ftiehmu dwar inizjattiva biex jiżdiedu l-integrazzjoni ekonomika transatlantika u t-tkabbir, u identifikaw il-kooperazzjoni fl-edukazzjoni bħala waħda mill-għodod "biex jiżdiedu s-sinerġiji minn naħa għall-oħra ta' l-Atlantiku hekk kif l-ekonomiji tagħna jsiru dejjem aktar ibbażati fuq it-tagħrif" u impenjaw lilhom infushom biex jaħdmu ħalli "jġeddu u jsaħħu l-Ftehim Stati Uniti-UE dwar l-Edukazzjoni Għolja u t-Taħriġ Vokazzjonali, li jinkludi l-programm Fulbright/Unjoni Ewropea, biex jingħata impetu għall-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u skambji transatlantiċi bejn iċ-ċittadini tagħna"

JIKKUNSIDRAW li l-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim Bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika li Jistabbilixxi Programm ta' Kooperazzjoni fl-Edukazzjoni

Għolja u Edukazzjoni Vokazzjonali u Taħriġ ta' l-1995 u l-Ftehim Bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti li Jġedded mill-ġdid Programm ta' Kooperazzjoni fl-Edukazzjoni Għolja u l-Edukazzjoni Vokazzjonali u Taħriġ ta' l-2000 jagħtu effett lill-impenji tad-Dikjarazzjoni Transatlantika u jikkostitwixxu eżempji ta' kooperazzjoni li għandha suċċess għoli u li tħalli profitt.

JIRRIKONOXXU l-kontribuzzjoni kruċjali ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-iżvilupp tar-riżorsi umani li kapaċi jipparteċipaw fl-ekonomija dinjija bbażata fuq it-tagħrif

JIRRIKONOXXU li l-kooperazzjoni fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali għandhom jikkomplementaw inizjattivi rilevanti ta' kooperazzjoni oħra bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti

JIRRIKONOXXU l-importanza li tkun assigurata l-komplementarjetà ma' inizjattivi rilevanti mwettqa fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali minn organizzazzjonijiet interattivi attivi f'dawn l-oqsma bħalma huma l-OECD, l-UNESCO u l-Kunsill ta' l-Ewropa

JIRRIKONOXXU li l-Partijiet għandhom interess komuni fil-kooperazzjoni fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ

JISTENNEW li jakkwistaw benefiċċju reċiproku mill-attivitajiet kooperattivi fl-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ

JIRRIKONOXXU l-bżonn li jwessgħu l-aċċess għall-attivitajiet appoġġati bis-saħħa ta' dan il-Ftehim, b'mod partikulari dawk l-attivitajiet fl-edukazzjoni vokazzjonali u s-settur tat-taħriġ; kif ukoll

JIXTIEQU jistabbilixxu bażi formali għal kooperazzjoni kontinwa fl-edukazzjoni għolja u edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Għan

Dan il-Ftehim iġedded mill-ġdid il-Programm ta' Kooperazzjoni fl-Edukazzjoni Għolja u l-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ ta' l-2000 (minn hawn 'il quddiem indikat bħala "il-Programm"), oriġinarjament stabbilit taħt il-Ftehim Bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika ta' l-1995 li jistabbilixxi Programm ta' Kooperazzjoni fl-Edukazzjoni Għolja u l-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-għan ta' dan il-Ftehim:

1. "Istituzzjoni ta' edukazzjoni għolja" tfisser stabbiliment, skond il-liġijiet jew prattiki applikabbli, li joffri kwalifiki jew diplomi fil-livell ta' edukazzjoni għolja, ikun xi jkun imsejjaħ l-istabbiliment ta' din ix-xorta;

2. "Istituzzjonijiet ta' edukazzjoni vokazzjonali u ta' taħriġ" tfisser kull tip ta' entità pubblika, semi-pubblika jew privata, li, irrispettivament mill-isem mogħti lilha, skond il-liġijiet u l-prattiki applikabbli, tippjana u timplimenta edukazzjoni vokazzjonali jew taħriġ, aktar taħriġ vokazzjonali, taħriġ vokazzjonali ta' aġġornament jew taħriġ mill-ġdid; kif ukoll

3. "Studenti" tfisser dawk il-persuni kollha li jipparteċipaw fit-tagħlim jew f'korsijiet ta' taħriġ jew programmi li huma mmexxija minn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja jew ta' edukazzjoni vokazzjonali u taħriġ kif definit f'dan l-Artikolu.

Artikolu 3

Obbjettivi

1. L-obbjettivi ġenerali tal-Programm għandhom ikunu:

(a) Il-promozzjoni ta' ftehim reċiproku bejn il-popli tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti inklużi għarfien aktar wiesa' tal-lingwi, il-kulturi u l-istituzzjonijiet tagħhom; kif ukoll,

(b) It-titjib fil-kwalità ta' l-iżvilupp tar-riżorsi umani kemm fil-Komunità Ewropea kif ukoll fl-Istati Uniti, inkluż l-akkwist ta' abbiltajiet meħtieġa biex tkun iffaċċjata l-isfida ta' l-ekonomija bbażata fuq it-tagħrif.

2. L-obbjettivi speċifiċi tal-Programm għandhom ikunu:

(c) It-tisħiħ tal-kollaborazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti fl-oqsma ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali

(d) Il-kontribut għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali

(e) Il-kontribut għall-iżvilupp personali individwali tal-parteċipanti stess u bħala mezz biex jinkisbu l-obbjettivi ġenerali tal-Programm; kif ukoll,

(f) Il-kontribut għall-isfidi transatlantiċi bejn l-UE u ċ-ċittadini ta' l-Istati Uniti.

3. L-obbjettivi operattivi tal-Programm għandhom ikunu:

(g) L-appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn edukazzjoni għolja u istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali bil-ħsieb li jmexxu 'l quddiem programmi konġunti ta' studju u mobbiltà

(h) It-titjib fil-kwalità tal-mobbiltà transatlantika ta' l-istudenti billi jkunu promossi t-trasparenza, l-għarfien reċiproku tal-kwalifiki u l-perjodi ta' studju u taħriġ, u, fejn adatt, it-trasferiment tal-krediti

(i) L-appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn organizzazzjonijiet pubbliċi u privati attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u taħriġ vokazzjonali bil-ħsieb li jiġu mħeġġa diskussjonijiet u skambju ta' esperjenza fuq kwestjonijiet politiċi; kif ukoll

(j) L-appoġġ għall-mobbiltà transatlantika bl-għan li jtejbu l-ftehim reċiproku ta' kwestjonijiet rilevanti għar-relazzjonijiet UE/Stati Uniti.

Artikolu 4

Il-Prinċipji

Il-kooperazzjoni taħt dan il-Ftehim għandha tkun iggwidata bil-prinċipji li ġejjin:

1. Rispett shiħ għar-responsabbiltajiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika u l-awtonomija ta' l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ

2. Benefiċċji reċiproċi mill-attivitajiet implimentati permezz ta' dan il-Ftehim

3. Parteċipazzjoni wiesgħa bejn id-diversi Stati Membri tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika; kif ukoll,

4. Rikonoxximent tad-diversità kulturali, soċjali, u ekonomika sħiħa tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Artikolu 5

Azzjonijiet tal-Programm

Il-Programm għandu jitkompla permezz ta' l-azzjonijiet deskritti fl-Anness, li hu parti integrali ta' dan il-Ftehim.

Artikolu 6

Kumitat Konġunt

1. Kumitat Konġunt hu stabbilit b'dan. Dan għandu jinkludi numru ndaqs ta' rappreżentanti minn kull waħda mill-Partijiet.

2. Il-funzjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu:

(k) L-analiżi ta' l-attivitajiet ta' kooperazzjoni previsti taħt dan il-Ftehim; kif ukoll

(l) Il-forniment ta' rapport kull sentejn lill-Partijiet fil-livell, l-istatus u l-effettività ta' attivitajiet kooperattivi implimentati taħt dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kull sentejn jew kif miftiehem bejn il-Partijiet, laqgħat ta' din ix-xorta għandhom jinżammu alternattivament fil-Komunità Ewropea u fl-Istati Uniti.

4. Id-Deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom jintleħqu b'kunsens. Il-minuti, li jinkludu d-dettalji tad-deċiżjonijiet u l-punti prinċipali, għandhom ikunu kkunsidrati waqt kull laqgħa. Dawn il-Minuti għandhom ikunu approvati minn dawk il-persuni magħżula minn kull naħa biex imexxu flimkien il-laqgħa, u għandhom, flimkien mar-rapport ta' kull sentejn, ikunu disponibbli fuq livell ministerjali għall-uffiċjali ta' kull Parti.

Artikolu 7

Monitoraġġ u Evalwazzjoni

Il-Programm għandu jkun immonitorjat u evalwat kif adatt fuq bażi kooperattiva. Dan għandu jippermetti, kif meħtieġ, ir-riorjentazzjoni ta' l-attivitajiet fid-dawl ta' ħtiġijiet jew l-opportunitajiet kollha li jsiru apparenti matul l-operat tiegħu.

Artikolu 8

Iffinanzjar

1. L-attivitajiet taħt dan il-Ftehim għandhom ikunu soġġetti għad-disponibilità ta' fondi u għal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, il-politiki u l-programmi tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti. L-iffinanzjar għandu jkun, sakemm hu possibbli, fuq il-bażi ta' ekwivalenza ġenerali ta' fondi bejn il-Partijiet. Il-Partijiet għandhom jipprovaw joffru attivitajiet tal-Programm b'benefiċċju u skop komparabbli.

2. L-ispejjeż li jsiru mill-Kumitat Konġunt jew f'ismu għandhom jitħallsu mill-Parti li għaliha l-membri huma responsabbli. L-ispejjeż, minbarra dawk ta' l-ivvjaġġar u s-sussistenza, li huma direttament assoċjati ma' laqgħat tal-Kumitat Konġunt, għandhom jitħallsu mill-Parti ospitanti.

Artikolu 9

Dħul ta' Personell

Kull Parti għandha tuża l-aħjar sforzi tagħha biex tiffaċilita d-dħul u l-ħruġ fit-territorju tagħha ta' personell, studenti u tagħmir tal-Parti l-oħra impenjati jew użati fl-attivitajiet kooperattivi taħt dan il-Ftehim.

Artikolu 10

Ftehimiet oħra

Dan il-Ftehim ma għandux jieħu post jew b'mod ieħor jaffettwa ftehimiet oħra jew attivitajiet implimentati fl-oqsma koperti bejn kull Stat Membru tal-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika.

Artikolu 11

Applikazzjoni Territorjali ta' dan il-Ftehim

Dan il-Ftehim għandu japplika, min-naħa, għat-territorji li għalihom japplika t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u bil-kundizzjonijiet preskritti f'dak it-Trattat u, min-naħa l-oħra, għall-Istati Uniti.

Artikolu 12

Dħul fis-Seħħ u Tmiem

1. Dan il-Ftehim għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nformaw lil xulxin bil-miktub li r-rekwiżiti legali tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Ftehim twettqu, id-data li tinżamm hi dik li tiġi l-aħħar. Dan il-Ftehim jieħu post il-Ftehim Bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti li Jġedded mill-ġdid Programm ta' Kooperazzjoni fl-Edukazzjoni Għolja u l-Edukazzjoni Vokazzjonali u t-Taħriġ ta' l-2000 fl-intier tiegħu.

2. Dan il-Ftehim għandu jibqa' fis-seħħ għal tmien snin u jista' jkun estiż jew emendat permezz ta' ftehim reċiproku bil-miktub.

Emendi u estensjonijiet għandhom jidħlu fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu nnotifikaw lil xulxin bil-miktub li r-rekwiżiti tagħhom għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li jipprevedi l-emenda jew l-estensjoni in kwestjoni ġew imwettqa.

3. Dan il-Ftehim jista' jintemm f'ħin bla waqt minn kull Parti billi jkun ipprovdut avviż bil-miktub ta' tnax-il xahar. L-għeluq taż-żmien jew it-tmiem ta' dan il-Ftehim ma għandux jaffettwa l-validità jew it-tul ta' żmien ta' arranġamenti pre-eżistenti magħmula taħtu.

Artikolu 13

Magħmul fi (lokalità) illum (XX) ta' (xahar) 2006, b'żewġ kopji bl-Ingliż, iċ-Ċek, id-Daniż, l-Olandiż, l-Estonjan, il-Finlandiż, il-Franċiż, il-Ġermaniż, il-Grieg, l-Ungeriż, it-Taljan, il-Latvjan, il-Litwan, il-Malti, il-Pollakk, il-Portugiż, is-Slovakk, is-Sloven, l-Ispanjol u l-Iżvediż, it-testijiet huma daqsinsew awtentiċi. F'każ ta' diskrepanzi, għandha tkun aċċettata l-lingwa Ingliża.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji, li ġew awtorizzati kif għandu jkun, iffirmaw dan il-Ftehim.

Għall-Komunità Ewropea Għall-Istati Uniti ta' l-Amerika

ANNESS

AZZJONIJIET

AZZJONI 1 – Proġetti b'Konsorzji Konġunti Komunità Ewropea/Stati Uniti

1. Il-Partijiet għandhom jipprovdu appoġġ lill-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u l-istituzzjonijiet ta' taħriġ li jifformaw konsorzji konġunti KE/Stati Uniti bl-għan li jkunu implimentati l-proġetti konġunti fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u l-edukazzjoni vokazzjonali u t-taħriġ.

2. Kull konsorzju konġunt għandu jkun ifformat minn partenarjat multilaterali ta' istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' taħriġ vokazzjonali mill-KE u l-Istati Uniti.

3. Proġetti b'konsorzji konġunti għandhom normalment jinvolvu mobbiltà transatlantika ta' studenti fil-qafas tal-programmi konġunti ta' studji, b'mira ugwali fil-flussi li jiġu miż-żewġ naħat, u għandhom jipprevedu preparazzjoni adegwata lingwistika u kulturali.

4. L-awtoritajiet kompetenti fuq kull naħa għandhom jiftiehmu b'mod konġunt dwar l-oqsma tematiċi eliġibbli għall-konsorzji konġunti KE/Stati Uniti bbażati fuq oqsma prijoritarji li huma l-qofol tal-kooperazzjoni KE/Stati Uniti.

AZZJONI 2-Eċċellenza (insegwiment) Proġetti ta' Mobbiltà

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-mobbiltà studenteska, lill-konsorzji konġunti ta' edukazzjoni għolja u istituzzjonijiet ta' taħriġ vokazzjonali li għandhom rekord ipprovat ta' eċċellenza fl-implimentazzjoni ta' proġetti konġunti ffinanzjati mill-Partijiet.

AZZJONI 3 – Miżuri orjentati fuq il-politiki

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-proġetti multilaterali li jinvolvu organizzazzjonijiet attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali bl-iskop li tissaħħaħ il-kollaborazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti fir-rigward ta' l-iżvilupp ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali. Miżuri orjentati fuq il-politiki jistgħu jinkludu studji, konferenzi, seminars, gruppi ta' ħidma, eżerċizzji ta' *benchmarking* u jistgħu jindirizzaw kwestjonijiet orizzontali ta' edukazzjoni għolja u ta' taħriġ vokazzjonali, inkluż ir-rikonoxximent tal-kwalifiki.

AZZJONI 4 – Għotjiet "Schuman-Fulbright"

Il-Partijiet bi ħsiebhom jipprovdu boroż ta' studju lill-professjonisti bi kwalifiki għolja (inklużi professjonisti li qed jitħarrġu, li jistgħu jkunu involuti fi studji avvanzati f'universitajiet u skejjel professjonali) li jixtiequ jwettqu studji jew taħriġ, f'oqsma ta' rilevanza speċifika għar-relazzjoni bejn l-UE/Stati Uniti, li għandhom ikunu identifikati b'mod konġunt mill-Partijiet. Bl-għan li jkunu promossi l-għotjiet "Schuman-Fulbright" u li

tkun appoġġata kull persuna li jkollha għotja, il-Partijiet jistgħu jipprovdu appoġġ finanzjarju lill-organizzazzjoni li huma jinnominaw bejniethom.

AZZJONI 5 – Assoċjazzjoni ta' ex-studenti universitarji

Il-Partijiet jistgħu jipprovdu appoġġ lill-Assoċjazzjonijiet ta' ex-studenti universitarji li pparteċipaw fi skambji appoġġati mill-programm ta' kooperazzjoni tal-KE/Stati Uniti fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali. L-Assoċjazzjonijiet ta' ex-studenti universitarji jistgħu jitmexxew minn organizzazzjonijiet li l-Partijiet għandhom jaħtru b'mod konġunt.

IMMANIĠĠJAR TAL-PROGRAMM

L-immaniġġjar ta' dawn l-Azzjonijiet għandu jkunu implimentat mill-uffiċjali kompetenti ta' kull Parti. Dawn il-kompiti jistgħu jinkludu:

1. It-teħid ta' deċiżjonijiet dwar ir-regoli u l-proċeduri għall-preżentazzjoni tal-proposti, inkluża l-preparazzjoni ta' sett ta' linji gwida komuni għall-applikanti

2. It-twaqqif ta' skeda għall-pubblikazzjoni ta' sejħiet għal proposti, sottomissjoni u selezzjoni ta' proposti

3. Il-forniment ta' informazzjoni dwar il-Programm u l-implimentazzjoni tiegħu

4. Il-ħtir ta' konsulenti u esperti akkademiċi

5. Ir-rakkomandazzjoni lill-awtoritajiet kompetenti ta' kull Parti dwar liema proġetti għandhom ikunu ffinanzjati

6. L-assigurazzjoni ta' mmaniġġjar finanzjarju; kif ukoll

7. Il-promozzjoni ta' avviċinament kooperattiv għall-monitoraġġ u l-evalwazzjoni tal-programm.

Fil-prinċipju, il-Komunità Ewropea se tipprovdi appoġġ għall-użu tal-partners tal-proġett tal-Komunità Ewropea; l-Istati Uniti se jipprovdu appoġġ għall-partners tal-proġett ta' l-Istati Uniti. Biex jipprovdu appoġġ, il-Partijiet jistgħu jirrikorru għal għotjiet b'rata fissa, skali ta' unità tal-prezzijiet u/jew boroż ta' studju.

MIŻURI TA' APPOĠĠ TEKNIKU

Jistgħu jintużaw fondi għax-xiri ta' servizzi meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Programm. B'mod partikulari, il-Partijiet jistgħu jirrikorru għal esperti; jistgħu jorganizzaw seminars, konferenzi akkademiċi jew laqgħat oħra li probabbilment jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Programm; u jistgħu wkoll jimplimentaw attivitajiet ta' informazzjoni, pubblikazzjoni u propagazzjoni.

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. L-ISEM TAL-PROPOSTA:

Proposta għal DEĊIŻJONIJIET TAL-KUNSILL dwar l-iffirmar u l-konklużjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Uniti ta' l-Amerika (minn hawn 'il quddiem 'l-Istati Uniti') li jġedded mill-ġdid il-programm ta' kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali.

2. QAFAS ABM/ABB

Qasam ta' politika: EDUKAZZJONI U KULTURA

Obbjettiv: "Il-miljorament reċiproku tal-kwalità ta' l-edukazzjoni permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

Attività: EDUKAZZJONI

3. LINJI BAĠITARJI

3.1. Il-linji bağitarji (linji operattivi u linji relatati ta' għajnuna teknika u amministrattiva (eks-linji B.A) inklużi l-intestaturi:

15.02.03 Ko-operazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex membri fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali

15.01.04.17 Ko-operazzjoni ma' pajjiżi li mhumiex membri fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali – Nefqa għall-immaniġġjar amministrattiv

15.01.04.32 Aġenzija eżekuttiva għall-edukazzjoni, l-awdjoviżwali u l-kultura – sussidji għall-programmi taħt l-intestatura 4

3.2. It-tul ta' żmien ta' l-azzjoni u ta' l-impatt finanzjarju: 2006-2013

It-tul ta' żmien finali ta' l-azzjoni se jkun iddeterminat matul in-negozjar u se jkun soġġett għal klawsola ta' analiżi f'nofs it-tul ta' żmien.

3.3. Karatteristiċi bağitarji (*żid ir-ringieli jekk meħtieġ*) :

Linja bağitarja	Tip ta' nfiq		Ġdid	Kontribuzzjoni ta' l-EFTA	Kontribuzzjonijiet mill-pajjiżi applikanti	Intestatura fil-prospettiva finanzjarja
15.02.03	Mhux obblig.	Diff	LE	LE	LE	Nru 4
15.01.04.17	Mhux obblig.	Diff	LE	LE	LE	**Nru 4**

15.01.04.32	Mhux obblig.	Diff	LE	LE	LE	**Nru 4**

4. SOMMARJU TAR-RIŻORSI

4.1. Riżorsi Finanzjarji

4.1.1. Sommarju ta' l-approprjazzjonijiet ta' impenn (AI) u l-approprjazzjonijiet ta' Pagament (AP)

Miljuni EUR (sat-3 skala deċimali)

Tip ta' nefqa	Sezzjoni nru.		2006	2007	2008	2009	2010	2011-2013	Total
Nefqa operattiva									
Approprjazzjoni jiet ta' impenn (AI)	8.1	a	2,224	3,780	4,957	5,924	6,004	20,551	43,441
Approprjazzjoni jiet ta' pagament (AP)		b	0,994	3,158	4,486	5,537	5,972	23,294	43,441
Nefqa amministrattiva fi ħdan l-ammont ta' referenza[2]									
Assistenza teknika u amministrattiva (NDA)	8.2.4	c	0,000	0,352	0,352	0,352	0,352	1,056	2,464
AMMONT TOTALI TA' REFERENZA									
Approprjazzjonijiet ta' impenn		**a+c**	**2,224**	**4,132**	**5,309**	**6,276**	**6,356**	**21,607**	**45,905**
Approprjazzjonijiet ta' pagament		**b+c**	**0,994**	**3,510**	**4,838**	**5,889**	**6,324**	**24,350**	**45,905**
Nefqa amministrattiva li mhix inkluża fl-ammont ta' referenza[3]									
Riżorsi umani u nefqa assoċjata (NDA)	8.2.5	d	0,378	0,378	0,378	0,378	0,378	1,134	3,024
Spejjeż amministrattivi, barra l-ispejjeż tar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati, li mhumiex inklużi fl-ammont ta' referenza (NDA)	8.2.6	e	0,010	0,028	0,010	0,028	0,010	0,065	0,150

Dettalji dwar il-kofinanzjament: M.D. (mhux disponibbli)

Taħt il-programm li għandu jkun imġedded mill-ġdid bil-ftehim, l-UE se tappoġġa l-involviment ta' l-istituzzjonijiet u l-istudenti ta' l-UE. L-ebda kofinanzjament mill-Istati Membri jew entitajiet oħra mhu mistenni.

4.1.2. Il-kompatibilità mal-Programmazzjoni Finanzjarja

☑ Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti.

☐ Il-proposta sejra tinvolvi l-programmazzjoni mill-ġdid ta' l-intestatura rilevanti fil-perspettiva finanzjarja.

☐ Il-proposta tista' teħtieġ l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interistituzzjonali[8] (jiġifieri strument ta' flessibilità jew reviżjoni tal-perspettiva finanzjarja).

Il-proposta hija kompatibbli mal-programmazzjoni finanzjarja eżistenti. B'mod partikulari l-estimi tan-nefqa u l-impatt finanzjarju għall-2006 huma skond il-Baġit ta' dik is-sena, filwaqt li l-estimi tan-nefqa u l-impatt finanzjarju għall-perjodu 2007-2013 huma indikattivi u jirriflettu l-orjentazzjoni korrenti tal-Kummissjoni fir-rigward tal-perspettivi finanzjarji l-ġodda. Dawn l-estimi ta' nefqa ma jippreġudikawx ir-riżorsi disponibbli taħt l-Intestatura 4 wara ftehim bejn il-Kunsill u l-Parlament dwar il-qafas finanzjarju 2007-2013 ġejjieni, u jistgħu jkunu adattati wara ftehim ta' din ix-xorta.

4.1.3. L-impatt finanzjarju fuq id-Dħul

☑ Il-proposta ma għandhiex impatt finanzjarju fuq id-dħul

4.1.4. Ir-Riżorsi Umani FTE (inkluż l-istaff uffiċjali, temporanju u estern)-ara d-dettall taħt il-punt 8.2.1.

Rekwiżiti annwali	2006	2007	2008	2009	2010	2011-2013 fuq bażi annwali u aktar tard
Numru totali ta' riżorsi umani	2,5	3,5	3,5	3,5	3,5	3,5

5. KARATTERISTIĊI U OBBJETTIVI

5.1. Ħtieġa li trid tintlaħaq tul medda qasira jew twila ta' żmien

Il-ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ vokazzjonali u ż-żgħażagħ ser ifittex biex tissaħħaħ il-komprensjoni reċiproka fost il-popli ta' l-UE u ta' l-Istati Uniti, biex iċ-ċittadini jkunu ppreparati aħjar għas-soċjetà ta' tagħrif u biex b'mod reċiproku tissaħħaħ il-kwalità ta' l-edukazzjoni għolja, it-taħriġ u l-edukazzjoni informali għaż-żgħażagħ fl-UE u l-Istati Uniti.

Il-ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali jwieġeb għal xewqa politika mill-partijiet fl-ogħla livell.

[8] Ara l-punti 19 u 24 tal-Ftehim Interistituzzjonali.

5.2. Il-valur miżjud ta' l-involviment tal-Komunità, il-kompatibilità tal-proposta ma' strumenti finanzjarji oħrajn u s-sinerġija possibbli

Ir-relazzjonijiet ma' l-Istati Uniti huma ta' importanza strateġika għall-UE u l-firxa ta' applikazzjoni tagħhom qed titwessa' b'mod kostanti. Il-mexxejja tas-*Summit* UE-Stati Uniti ta' Dromoland ta' l-2004 qablu li jfittxu mezzi ta' kooperazzjoni u l-aħjar prattiki biex jissaħħu t-tkabbir ekonomiku, il-ħolqien tax-xogħol u l-innovazzjoni. Fit-18 ta' Mejju 2005 l-Kummissjoni adottat komunikazzjoni dwar partenarjat UE-Stati Uniti aktar b'saħħtu li, konformi ma' obbjettiv ta' Liżbona, identifikat il-kooperazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala biċċa għodda importanti biex jiġi stimolat l-għerf u d-dinamiżmu innovattiv u sejħet għal tiġdid mill-ġdid u tisħiħ tal-ftehim attwali dwar l-Edukazzjoni Għolja u t-Taħriġ Vokazzjonali.

Il-programm EU-Stati Uniti għandu jipprovdi valur miżjud f'numru ta' livelli: billi jibni briġġijiet istituzzjonali transatlantiċi, jipprovdi individwi, akkademiċi u staff amministrattiv u studenti b'netwerks transatlantiċi tagħhom stess, jiżviluppa suġġetti u dixxiplini speċifiċi. It-tiġdid mill-ġdid tal-programm ta' kooperazzjoni EU-Stati Uniti fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali għandu wkoll jippreserva u jiżviluppa l-avviċinament multilaterali billi jinvolvu f'kull azzjoni istituzzjonijiet u popli minn Stati Membri differenti. Dan l-avviċinament multilaterali s'issa wera lilu nnifsu effettiv biex ikompli l-obbjettiv tal-programm f'termini ta' tkabbir reċiproku ta' komprensjoni u ta' titjib tal-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ fl-UE u l-Istati Uniti. Dan wera wkoll li ġarr ċerti ekonomiji ta' skop, ta' kobor u ta' tisħiħ fil-kwalità fir-rigward tal-programmi bilaterali.

L-obbjettivi tal-programm UE/Stati Uniti fl-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali se jkunu kompletament konsistenti ma' dawk ta' l-istrumenti l-oħra ta' l-UE f'dawn l-oqsma. Il-ftehim se jwaqqaf qafas li għandu jikkomplementa programmi oħra u jippermetti li jitkomplew l-obbjettivi ta' edukazzjoni ta' kwalità permezz ta' kollaborazzjoni bejn l-UE u l-Istati Uniti. Apparti dan, il-programm idaħħal kooperazzjoni transatlantika minn poplu għal poplu li hija nieqsa fi programmi ta' edukazzjoni u taħriġ oħrajn ta' l-UE.

B'mod partikulari, il-programm ta' kooperazzjoni bilaterali se jikkomplementa l-Programm Erasmus Mundus billi se jiffoka fuq il-mobbiltà ta' l-istudenti li qed jippreparaw għall-ewwel grad u jinkludi skambji transatlantiċi fil-qasam tat-taħriġ vokazzjonali.

Il-programm ikun ukoll jikkomplementa l-attivitajiet taċ-Ċentri ta' l-UE appoġġati mill-Unjoni Ewropea billi joffri possibilitajiet addizzjonali għal skambji, u jinkuraġġixxi kooperazzjoni strutturali bejn l-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet miż-żewġ naħat ta' l-Atlantiku.

5.3. L-obbjettivi, ir-riżultati mistennija u l-indikaturi relatati tal-proposta fil-kuntest tal-qafas ABM

Obbjettiv	Lista mhix eżawrjenti ta' indikaturi
Obbjettivi Ġenerali	
– tisħiħ tal-komprensjoni reċiproka fost il-popli ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti	– *Data* kwantitattiva dwar il-perċezzjoni fost l-utenti tal-programm u l-partijiet interessati akkwistata permezz ta' servejs imwettqa matul evalwazzjoni

– preparazzjoni aħjar taċ-ċittadini għas-soċjetà ta' tagħrif – tisħiħ reċiproku fil-kwalità ta' l-edukazzjoni	temporanja u ex-post
Obbjettivi Speċifiċi	
– tisħiħ fil-kollaborazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti fl-oqsma ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ – kontribut għall-iżvilupp ta' istituzzjonijiet għall-edukazzjoni għolja u istituzzjonijiet ta' taħriġ – kontribut lill-parteċipanti individwali għall-iżvilupp personali għall-użu personali tagħhom u bħala mod kif jintlaħaq l-obbjettiv ġenerali tal-programm.	– *Data* kwantitattiva dwar il-perċezzjoni ta' l-uffiċjali u l-amministraturi akkwistata permezz ta' intervisti; – *Data* kwantitattiva dwar il-perċezzjoni ta' individwi responsabbli għall-istituzzjonijiet u l-organizzazzjonijiet involuti fil-programm akkwistata permezz ta' servejs – *Data* kwantitattiva dwar il-perċezzjoni ta' parteċipanti akkwistata permezz ta' servejs.

Ir-riżultati jistgħu jkunu definiti bħala vantaġġ jew żvantaġġ li destinatarji diretti jakkwistaw fl-aħħar tal-parteċipazzjoni tagħhom f'intervent pubbliku. Għalhekk dawn għandhom ikunu identifikati rigward l-obbjettivi operattivi ta' l-intervent.

Obbjettivi operattivi	Riżultati akkwistati mill-parteċipanti
– Appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn l-istituzzjonijiet ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali bl-għan li jitmexxew 'il quddiem il-programmi ta' studju konġunt u l-mobbiltà;	– Istituzzjonijiet: kurrikuli mtejba u metodoloġiji ta' tagħlim; trasparenza akbar u komprensjoni tas-sistemi ta' krediti rispettivi; preparazzjoni mtejba għall-kooperazzjoni transatlantika – Studenti: esperjenza transatlantika li tarrikkixxi; edukazzjoni u komprensjoni kulturali aħjar.
– Appoġġ għall-kollaborazzjoni bejn l-organizzazzjonijiet pubbliċi u privati attivi fil-qasam ta' l-edukazzjoni għolja u t-taħriġ vokazzjonali bl-għan li jħeġġu diskussjoni u skambju ta' esperjenzi dwar kwestjonijiet ta' politika;	– Organizzazzjonijiet, istituzzjonijiet: komprensjoni aħjar tal-kwestjonijiet ta' politika;
– Appoġġ għall-mobbiltà transatlantika bl-għan li titjib il-komprensjoni komuni ta' kwestjonijiet rilevanti għar-relazzjonijiet	– Individwi; komprensjoni aħjar ta' kwestjonijiet bażiċi fir-relazzjonijiet UE/Stati Uniti.

UE/Stati Uniti.	

5.4. Metodu ta' l-implimentazzjoni (indikattiv)

Hawn taħt uri l-modalità(jiet)[9] magħżula għall-implimentazzjoni ta' l-azzjoni.

X *Maniġment Ċentralizzat*

X Direttament mill-Kummissjoni

X Indirettament permezz ta' delegazzjoni lill-:

X Aġenzija Eżekuttiva

☐ Korpi mwaqqfa mill-Komunitajiet hekk kif jissemma fl-Art. 185 tar-Regolament Finanzjarju

☐ Entità/jiet nazzjonali fis-settur pubbliku b'missjoni ta' servizz pubbliku

☐ ***Maniġment bi sħab jew deċentralizzat***

☐ Ma' Stati Membri

☐ Ma' Pajjiżi Terzi

☐ ***Immaniġġjar konġunt ma' organizzazzjonijiet internazzjonali (jekk jogħġbok speċifika)***

Il-programm propost hu bbażat fuq il-prinċipju ta' finanzjament konġunt mill-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti. Sejħa għal proposti huma amministrati mill-Kummissjoni Ewropea abbażi ta' linji gwida konġunti miftiehma minn qabel ma' l-awtoritajiet ta' l-Istati Uniti.

Għall-iskop ta' l-immaniġġjar tal-programm, il-Kummissjoni Ewropea tista' tirrikorri għal Aġenzija Eżekuttiva. Jekk il-pakkett finanzjarju propost tal-programm UE/Stati Uniti hu miżmum ir-rikors għal Aġenzija Eżekuttiva għandu jkun iġġustifikat. Ir-rikors għal Aġenzija Eżekuttiva għandu wkoll ikun iġġustifikat fl-każ li l-pakkett finanzjarju tal-programm UE/Stati Uniti jkun imnaqqas iżda ftehim simili għandu jkun konkluż mal-Kanada li jżid l-ekonomiji ta' kobor u jipprovdi prinċipji ġustifikattivi għall-implimentazzjoni ta' wħud mill-azzjonijiet permezz ta' l-Aġenzija Eżekuttiva.

6. MONITORAĠĠ U EVALWAZZJONI

6.1. Sistema ta' monitoraġġ

Il-monitoraġġ tal-proġetti UE/Stati Uniti għandu jkun implimentat permezz ta' tagħqid u taħlit ta' monitoraġġ ta' fajls (ibbażat fuq rapporti regolari mill-benefiċjarji ta' l-għotjiet), u minn monitoraġġ li jsir fuq il-post mill-Kummissjoni u minn struttura adatta nnominata mill-Istati Uniti.

[9] Jekk jiġi indikat aktar minn metodu wieħed jekk jogħġbok agħti dettalji addizzjonali fit-taqsima "Kummenti Rilevanti" ta' dan il-punt

6.2. Evalwazzjoni

6.2.1. Evalwazzjoni ex-ante

L-evalwazzjoni ex-ante hi bbażata fuq l-esperjenza akkwistata fl-implimentazzjoni tal-fażi attwali tal-programm, informazzjoni diretta mill-utenti tal-programm, studju dwar il-qasam tat-taħriġ vokazzjonali fi ħdan il-programm, konsultazzjonijiet minn esperti u evalwazzjoni temporanja tal-fażi attwali tal-programm.

Il-memorandum ta' spjegazzjoni jkopri l-aspetti prinċipali ta' l-evalwazzjoni ex-ante u l-assessment ta' l-impatt.

Is-sejbiet prinċipali ta' l-evalwazzjoni ex-ante fir-rigward ta' l-edukazzjoni għolja u tat-taħriġ vokazzjonali huma li ġejjin:

– il-progamm hu ta' benefiċċju għall-istituzzjonijiet, fakultajiet u studenti involuti. B'mod partikulari l-programm hu effettiv fit-titjib tal-komprensjoni interkulturali ta' l-istudenti u l-istaff.

– il-programm ikkontribwixxa wkoll għall-iżvilupp kurrikulari u b'mod speċjali għall-konsolidazzjoni tan-netwerks transatlantiċi ta' universitajiet u ta' istituzzjonijiet vokazzjonali ta' taħriġ.

– il-programm, madankollu, huwa kkunsidrat limitat wisq biex seta' jħalli impatt fuq il-komprensjoni reċiproka bejn il-popli ta' l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti.

– is-sostenibilità ta' proġetti ta' mobbiltà kienet iddubitata minħabba n-nuqqas ta' insegwiment fl-iffinanzjar.

– biex il-qasam tat-taħriġ vokazzjonali jkun jista' jeżisti flimkien ma' l-edukazzjoni għolja, hi meħtieġa żieda sinifikanti fil-baġit

– avviċinament speċifiku kien meħtieġ għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali li jadatta ċerti kriterji ta' implimentazzjoni għar-realtà speċifika ta' dan il-qasam

– l-evalwazzjoni temporanja tissuġġerixxi xi tibdil operattiv: a) żieda għat-tul ta' żmien tal-proġetti b'konsorzji; b) enfasi fuq l-identifikazzjoni u l-iskambju ta' l-aħjar prattiki; c) introduzzjoni ta' sistema ta' għotjiet addizzjonali għall-mobbiltà għal proġetti li rnexxew.

6.2.2. Miżuri meħuda wara evalwazzjoni intermedja/ex-post (tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi)

Il-programm propost għandu jkun ippjanat billi jikkunsidra l-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjoni ex-ante, jiġifieri, hu għandu

– iżomm u jiżviluppa l-komponenti tal-programm li kienu ttestjati u pprovati b'mod tajjeb

– jiżviluppa avviċinament speċifiku għat-taħriġ vokazzjonali

– jibni fuq proġetti ta' eċċellenza pprovata

– jirrinforza l-mobbiltà

– iżid il-pakkett finanzjarju tal-programm.

6.2.3. Termini u frekwenza ta' l-evalwazzjoni fil-ġejjieni

Fit-teorija, evalwazzjoni temporanja għandha tkun imwettqa wara l-ewwel tliet snin ta' implimentazzjoni u evalwazzjoni finali ex-post se tkun illanċjata fl-aħħar ta' l-intervent.

7. MIŻURI KONTRA L-FRODI

Deċiżjonijiet dwar finanzjament u kuntratti bejn il-Kummissjoni u l-benefiċjarji jipprovdu għal verifiki fuq il-post li għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni u l-Qorti ta' l-Awdituri fil-lokalitajiet tal-benefiċjarji ta' għotja mill-Komunità Ewropea, u dawn jagħtu s-setgħa li tkun meħtieġa evidenza ta' kull nefqa li ssir bis-saħħa ta' kuntratti, ftehimiet u impenji legali ta' din ix-xorta sa ħames snin wara l-għeluq tal-perjodu kontraenti.

Il-benefiċjarji huma soġġetti għal obbligi ta' dikjarazzjoni u ta' kontabilità finanzjarja u dawn għandhom ikunu analizzati mil-lat tal-kontenut u l-eliġibilità tan-nefqa, filwaqt li jkun ikkunsidrat l-għan tal-finanzjament tal-Komunità Ewropea, u jkunu kkunsidrati l-obbligi kontraenti u l-prinċipji ta' mmaniġġjar ekonomiku u finanzjarju adatt.

Annessa mal-ftehimiet finanzjarji hemm informazzjoni ta' natura amministrattiva u finanzjarja, maħsuba biex tispeċifika t-tip ta' nefqa li hi eliġibbli skond ftehimiet ta' din ix-xorta. Fejn adatt, il-koperta tal-Komunità Ewropea ta' ċerti elementi ta' spejjeż se tkun limitata għal entrati li huma konkreti, identifikabbli u verifikabbli fl-arranġamenti tal-kontabilità tal-benefiċjarju, sabiex ikun iffaċilitat l-iċċekkjar u l-awditjar (u l-evalwazzjoni għall-skopijiet ta' selezzjoni) ta' proġetti li jirċievu finanzjamant.

8. DETTALJI TAR-RIŻORSI

8.1. Obbjettivi tal-proposta f'termini ta' l-ispiża finanzjarja tagħhom

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (sat-3 skala deċimali)

Intestaturi ta' l-obbjettivi operattivi	**Tip ta' twettiq**	**L-ispiża. Medja**	**2006**		**2007**		**2008**		**2009**		**2010**		**2011-2013**		**TOTAL**	
			Nru. ta' twettiq	Spiża totali	Nru. ta' twettiq	Spiża totali	Nru. ta' twettiq	Spiża totali	Nru. ta' twettiq	Spiża totali	Nru. ta' twettiq	Spiża totali	Nru. ta' twettiq	Spiża totali	Nru. ta' twettiq	Spiża totali
Kollaborazzjoni ta' appoġġ bejn istituzzjonijiet ta' edukazzjoni għolja u ta' taħriġ vokazzjonali	Gradi transatlantiċi	0,664	3	1,924	5	3,320	5	3,320	6	3,984	6	3,984	20	13,280	45	29,812
	Proġetti ta' eċċellenza b'konsorzji	0,203	0	0,000	0	0,000	5	1,017	6	1,220	6	1,220	21	4,271	38	7,729
Appoġġ għal kollaborazzjoni orjentata fuq politiki	Proġetti orjentati fuq politiki	0,100	1	0,100	2	0,200	3	0,300	4	0,400	4	0,400	12	1,200	26	2,600
Appoġġ għall-mobbiltà tal-professjonisti	Għotijiet Individwali għall-mobbiltà "Schuman-Fulbright"	0,020	10	0,200	13	0,260	16	0,320	16	0,320	20	0,400	90	1,800	165	3,300
SPIŻA TOTALI			**14**	**2,224**	**20**	**3,780**	**29**	**4,957**	**32**	**5,924**	**36**	**6,004**	**143**	**20,551**	**274**	**43,441**

8.2. Nefqa Amministrattiva

8.2.1. Għadd u tip ta' riżorsi umani

It-tipi ta' kariga		Membri ta' l-istaff li għandom jiġu assenjati għall-immaniġġjar ta' l-azzjoni bl-użu tar-riżorsi eżistenti u/jew addizzjonali (**l-għadd ta' karigi/FTEs**)					
		2006	2007	2008	2009	2010	2011-2013 fuq bażi annwali
L-uffiċjali jew l-istaff temporanju[10] (XX 01 01)	A*/AD	1	2	2	2	2	2
	B*, C*/AST	¾ 3/4	3/4 3/4	3/4 3/4	3/4 3/4	3/4 3/4	3/4 3/4
Staff iffinanzjat[11] mill-Art.XX 01 02			0	0	0	0	0
Staff ieħor[12] iffinanzjat skond l-Artikolu XX 01 04/05		0	2	2	2	2	2
TOTAL		2,5	5,5	5,5	5,5	5,5	5,5

8.2.2. Deskrizzjoni ta' kompiti li ġejjin mill-azzjoni

A*/AD: Żvilupp tal-politika, maniġer ta' programm, relazzjonijiet ma' pajjiżi partners:

B*/AST Assistent finanzjarju

C*/AST Appoġġ segretarjali u finanzjarju

8.2.3. Sorsi ta' riżorsi umani (statutorji)

(Meta jissemma' iktar minn sors wieħed, jekk jogħġbok indika l-għadd ta' karigi li joriġinaw minn kull wieħed minnhom)

2,5 Karigi attwalment allokati għall-immaniġġjar tal-programm li għandu jinbidel jew jittawwal.

☐ Karigi allokati minn qabel fi ħdan l-eżerċizzju APS/PDB għas-sena n

1 Karigi li għandhom jintalbu fil-proċedura APS/PDB li jmiss

☐ Karigi li għandhom jiġu allokati mill-ġdid permezz tar-riżorsi eżistenti fi ħdan is-servizz ta' mmaniġġjar (riallokazzjoni interna)

☐ Karigi neċessarji għas-sena n iżda li ma kinux previsti fl-eżerċizzju APS/APB tas-sena finanzjarja kkonċernata

---

[10] L-ispiża tagħhom MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

[11] L-ispiża tiegħu MHIX koperta mill-ammont ta' referenza.

[12] L-ispiża tiegħu hija inkluża fi ħdan l-ammont ta' referenza.

8.2.4. Nefqa amministrattiva oħra li hija inkluża fl-ammont ta' referenza (XX 01 04/05 – In-nefqa fuq l-immaniġġjar amministrattiv)

Miljuni EUR (sat-3 skala deċimali)

	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total
1) Assistenza teknika u amministrattiva									
a) Aġenzija Eżekuttiva[13] 5.01.04.32	0,000	0,272	0,272	0,272	0,272	0,272	0,272	0,272	1,904
b) Assistenza teknika u amministrattiva oħra:15.01.04.17									
-intra muros:		0,080	0,080	0,080	0,080	0,080	0,080	0,080	0,560
-extra muros:									
TOTAL	**0,000**	**0,352**	**0,352**	**0,352**	**0,352**	**0,352**	**0,352**	**0,352**	**2,464**

Il-Baġit ta' l-2006 ma jinkludix linja baġitarja speċifika għall-assistenza amministrattiva. Infiq bħal dak li jinħoloq mill-esperti għall-assessment tal-proposti hu ffinanzjat taħt il-pakkett globali tad-DĠ. Mill-2007 se tkun maħluqa linja baġitarja għall-appoġġ amministrattiv. Din hija ġġustifikata b'allokazzjoni baġitarja potenzjalment ogħla għal mhux biss il-ftehim UE/Stati Uniti iżda wkoll għall-Ftehim ġejjieni UE/Kanada (iż-żewġ programmi flimkien se jammontaw għal 8M€ fis-sena, meta mqabbla mat-3M€ attwali fis-sena). Il-linja baġitarja għall-assistenza amministrattiva hi ġġustifikata wkoll bil-possibbiltà li jkun implimentat il-programm permezz ta' l-Aġenzija Eżekuttiva eżistenti Edukazzjoni, Awdjoviżwali u Kultura. L-iskala tal-baġit propost għall-ftehim UE/Stati Uniti tiġġustifika r-rikors għal Aġenzija Eżekuttiva. Barra minn dan, jekk ftehim simili hu konklużż mal-Kanada għandu jkun hemm ekonomiji ta' kobor addizzjonali u raġunijiet fundamentali b'saħħithom għall-implimentazzjoni ta' wħud mill-azzjonijiet tal-programmi permezz ta' l-Aġenzija Eżekuttiva eżistenti Edukazzjoni, Awdjoviżwali u Kultura. Għal din ir-raġuni, it-tabella hawn fuq tinkludi l-ammont ekwivalenti għal aġent kuntrattwali 1 u kariga temporanja 1 għall-Aġenzija Eżekuttiva.

8.2.5. Spiża għar-riżorsi umani u spejjeż assoċjati li <u>mhumiex</u> inklużi fl-ammont ta' referenza

Miljuni EUR (sat-3 skala deċimali)

Tipi ta' riżorsi umani	2006	2007	2008	2009	2010	2011	2012	2013	Total 2006-2013
Uffiċjali u staff temporanju (XX 01 01)	0,270	0,378	0,378	0,378	0,378	0,378	0,378	0,378	2,916
Staff iffinanzjat bl-Artikolu XX 01 02 (awżiljaru, END, staff bil-kuntratt, eċċ.)(ispeċifika l-linja baġitarja)									
Spiża totali għar-Riżorsi umani u spejjeż assoċjati (li MHUMIEX fl-ammont ta' referenza)	0,270	0,378	0,378	0,378	0,378	0,378	0,378	0,378	2,916

[13] Il-possibbiltà li jkun hemm rikors għall-Aġenzija Eżekuttiva attwali Edukazzjoni, Awdjoviżwali u Kultura se tkun eżaminata fil-kuntest ta' l-evalwazzjoni ta' l-Aġenzija. L-evalwazzjoni għandha ssir fl-2006 bl-għan li jkunu implimentati il-programmi edukattivi 2007-2013 l-ġodda.

Kalkolu– ***Uffiċjali u aġenti Temporanji:***

(2.5 staff fl-2006 x108.000 EUR) + (3,5 staff fl-2007-2013 x 7 snin x 108.000 EUR) = 2.916.000 EUR

Dan il-kalkolu hu bbażat fuq is-suppożizzjoni li l-Aġenzija Eżekuttiva Edukazzjoni, Awdjoviżwali u Kultura se tkun involuta fl-implimentazzjoni tal-programm. Jekk dan ma jkunx il-każ, ikunu meħtieġa 2 persuni addizzjonali mill-istaff tal-Kummissjoni.

Kalkolu – ***Staff iffinanzjat bis-saħħa ta' l-Artikolu XX 01 02***

M.D. (mhux disponibbli)

8.2.6. Infiq amministrattiv ieħor li <u>mhux</u> inkluż fl-ammont ta' referenza

Miljuni EUR (sat-3 skala deċimali)

	2006	2007	2008	2009	2010	2011-2013	TOTAL
XX 01 02 11 01 – Missionijiet	0,010	0,010	0,010	0,010	0,010	0,030	0,080
XX 01 02 11 02 – Laqgħat u Konferenzi							
XX 01 02 11 03 – Kumitati[14] Kumitat konġunt UE/Stati Uniti mwaqqaf bil-ftehim		0,018		0,018		0,035	0,070
XX 01 02 11 04 – Studji u konsultazzjonijiet							
XX 01 02 11 05 – Sistemi ta' l-Informazzjoni							
2 Total tan-Nefqa ta' mmaniġġjar ieħor (XX 01 02 11)							
Nefqa oħra ta' natura amministrattiva (ispeċifika u inkludi referenza għal-linja baġitarja)							
Nefqa Amministrattiva totali, ħlief għar-riżorsi umani u l-ispejjeż assoċjati (li MHUMIEX inklużi fl-ammont ta' referenza)	0,010	0,028	0,010	0,028	0,010	0,065	0,150

Kalkolu – ***Nefqa amministrattiva oħra li <u>mhix</u> inkluża fl-ammont ta' referenza***

Missjonijiet: 2 x 3000 (għall-Istati Uniti) + 6 x 700 (għall-Istati Membri) = EUR 10.200

Laqgħa tal-Kumitat Konġunt ma' l-Istati Membri kull sentejn: 25 x 700 x 4 = EUR 70.000

[14] Ispeċifika t-tip ta' kumitat kif ukoll il-grupp li għalih jappartjeni.